# L-ISQOF

# ANTONJU MARIJA BUHAGIAR

# U BIRKIRKARA

Fl-aħħar snin tas-seklu 19 il-knisja Maltija kienet immexxija mill-Isqof Ant. Marija Buhagiar, Kapuċċin, li fl-erba' snin ta' l-amministrazzjoni tiegħu f'Malta wera ruħu bħala Isqof ħabrieki umli u difensur tal-fidi Kattolika.

Twieled f'Cefalonja il-Greċja minn ġenituri Maltin. Missieru Ġużeppi minn Ħaż-Zabbar u ommu Marija Konċetta Attard mill-Furjana fid-19 ta' Novembru 1846 u tawh l-ismijiet ta' Spiridjun, Salvatore u Kostantinu. Ta' età żgħira wera x-xewqa li jħaddan il-ħajja reliġjuża fost il-Kapuċċini Maltin. Ġie Malta fejn ta' 17-il sena fl-20 ta' Diċembru, 1863 daħal fin-novizzjat li dak iż-żmien kien Santa Liberata u ismu ġie mibdul f'dak ta' Antonju Marija.

Il-ħila tiegħu fl-istudju kienet kbira barra l-istudju għas-Saċerdozju kien jaf tajjeb il-Grieg, l-Ebrejk, il-Franċiż u l-Ispanjol. Fit-18 ta' Ottubru 1869, l-Arċisqof Monsijur Gejtan Pace Forno ordnah saċerdot b'dispensa minn Ruma. F'Ġunju ta' 1871 għadda mill-eżami tal-predikazzjoni b'Summa cum laude. Kellu wisq għall-qalbu l-ordni u kien reliġjuż imħeġġeġ.

Ta' 26 sena fit-2 ta' Awissu 1872. Patri Antonju Marija Buhagiar fl-isbaħ żmien ta' ħajtu b'qalbu mkebbsa għall-erwieħ u għas-saħħa eterna tagħhom ġie mibgħut fil-missjoni ta' Tunes fost in-nies ta' Sfax il-biċċa l-kbira kienu Maltin.

Fit-12 ta' Awissu 1884 ġie midluk Isqof f'Tunes mill-Kardinal Karlu Lavigerie meta kellu biss 38 sena imħabba x-xogħol u l-ħidma li wettaq f'dik l-art. Huwa kien Isqof Titulari ta' Ruspa u Awżiljarju ta' l-Arċisqof ta' Kartaġni.

Dak iż-żmien billi l-Arċisqof ta' Malta Mons. Karmelo Conti Scicluna kien daħal fiż-żmien sewwa u ma kienx jiflaħ għat-taħbit, il-Papa Ljun XIII tefa' għajnejh fuq l-Isqof Buhagiar u b'digriet tal-14 ta' April 1885 għamlu Amministratur Appostoliku ta' Malta bl-istess drittijiet ta' Isqof Djoċesan. Huwa wera ħeġġa u mħabba kbira fi żmien li l-kolera kienet ħakmet lil Malta u għalkemm hu kien ittieħed b'din il-marda b'xorti tajba baqa' ħaj.

Fost ir-rabtiet li l-Isqof Buhagiar kellu ma' Birkirkara insemmu: il-ftuħ ta' l-Iskola St. Francis dak iż-żmien Istitut San Franġisk tas-sorijiet Franġiskani li saret fil-31 ta' Mejju, 1885, li allura din is-sena qegħdin infakkru għeluq il-100 sena mill-ftuħ

tagħha. Kienet is-Sinjura Hely Hutchinson li talbet lil dawn is-Sorijiet biex jiftħu Laboratorju biex fih jaħdmu xi tfajliet barra li l-quddiem ikunu jistgħu jiftħu xi skola għat-tfal żgħar. Il-ftuħ sar mill-istess sinjura u t-tberik sar mill-Amministratur Appostoliku l-Isqof Buhagiar. Huwa ġie milqugħ mill-Prepostu Dr. Crocifisso Pisani Borg li għamillu diskors u ippreżentalu bukkett fjuri.

Bis-saħħa tiegħu il-Papa Leone XIII bi Breve tal-11 ta' Awissu 1885 żejjen bi privileġġ ġdid lill-Kapitlu tagħna billi huma jistgħu jużaw il-lazz isfar tal-ħarir imżewwaq bid-deheb. Bħala turina ta' ringrazzjament il-Kapitlu poġġa fis-sagristija ritratt kbir impitter minn Lazzru Pisani.

Dan l-Isqof għoġbu jirregala wkoll Statwa Sabiħa ta' Sant Antnin li tinsab fil-knisja ta' l-istess qaddis u li kienet maħduma fi Franza. Il-poplu Karkariż kien grat ħafna għal dan il-ġest ta' l-Amministratur Appostoliku.

Meta l-Isqof Buhagiar ra l-għerf u l-qdusina li bihom kien imżejjen il-prepostu ta' Birkirkara il-Kanonku Dr. Crocifisso Pisani Borg għażlu bħala segretarju tiegħu. Għalxejn kienet marret delegazzjoni mill-Kapitlu u minn xi nies importanti ta' Birkirkara biex jitolbu lil Amministratur Appostoliku jerġa' jaħsibha fuq din il-għażla, għax xorta ħadu miegħu. B'xorti ħażina kemm għal poplu Karkariż kif ukoll għal-Ammin. Appos. ma' tantx dam miegħu għax fi żmien sena Dr. Crocifisso Pisani Borg miet wara marda qasira.

Għall-imħabba kbira li kellu lejn il-Papa ma riedx li din id-Djoċesi ma tiċċelebrax il-festi Gubilari ta' għeluq il-50 sena tas-Saċerdozju tal-Papa Ljuni XIII, u għal din l-okkażjoni barra iċ-ċelebrazzjonijiet li saru f'Malta huwa organizza pellegrinaġġ Nazzjonali għal Ruma u hemm quddiem il-Papa il-Prepostu ta' Birkirkara Dr. Crocifisso Pisani Borg għamel diskors imqanqal u ta' għaref li kien, fejn wera il-ħila u ż-żelu, il-qdusija u l-imħabba ta' l-Isqof Buhagiar li kellu għal poplu Malti u biex il-Papa ifittex iqiegħed lil dan l-Isqof bħala Arċisqof ta' Malta. Diskors li kien ġie milqugħ tajjeb kemm mill-Papa kif ukoll mill-Maltin kollha.

Iżda ġara li fl-10 ta' Jannar 1889, b'għafsa ta' qalb għal Poplu Malti l-Isqof Buhagiar ħalla dil-Gżira għal Ruma biex jerħi ruħu f'idejn il-Papa. Għall-ewwel ofrewlu li jmur Patriarka ta' Ġerusalemm li irrifjuta minħabba raġunijiet personali. F'Diċembru 1890 għollieh għad-dinjita' ta' Nunzju Appostoliku ta' Haiti u Venezuela f'San Domingo fl-Amerika. Ħuh li kien ukoll Saċerdot, Dun Mikiel Buhagiar, li kien wisq iħobbu, mar miegħu bħala Segretarju tiegħu. fis-6 ta' Awissu 1891 Monsinjur Buhagiar qabdu d-deni u miet mibki minn kulħadd wara erba' t'ijiem fl-eta ta' 45 sena fl-10 ta' Awissu fil-11.30 p.m. assistit mill-Arċisqof ta' San Domingo u ġie midfun fil-Knisja Metropolitana t'hemm stess.

Referenzi:-

Gazzetta di Malta 17. 24-25 Agosto 1891.
E.B. Vella. Storja ta' Birkirkara p.380.
F. Azzopardi Fr. Sunday Times of Malta 29 March 1959.
Leħen is-Sewwa 8. 15 ta' Awissu 1951.
Alfons Marija Galea. Kotba għal mgħodija taż-żmien Nru.150 P.41-42.
Il Portafoglio Maltese 21 Marzo 1887.
It-Terzjarju ta' San Franġisk Lulju 1885 p.38.

**Joseph Zammit**
**Jum San Pawl, 10 ta' Frar, 1985.**

DELIA
(PROP. MARIO DELIA)

**NAXXAR ROAD, B'KARA**
**TEL: 491173**

*WHERE TO PUT YOUR TRUST*

**AUDIO AND VISION SALES & SERVICE**

**Monday to Saturday from 8.30 a.m. to 12.00 – 3.00 to 7.00 p.m.**

***We offer the services of: TV's, Radio Car equipment and Electronic Goods repairs, TV aerial installations, Disco for all occasions and personal attention on request for technical requirements.***

**ALICE HOUSE**

***for all kinds of Drapery***

206, Main Street
B'Kara.
Tel: 40004